Cit Nru:

# Fil-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' April, 2001**

**Il-Pulizija**
**(spettur Paul Bond)**

**vs**

**Spiridione Plum**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan fuq l-akkuzi kif migjuba b'citazzjoni talli :

1. Fl-10 ta' Frar, 1995, ghall-habta ta' bejn l-10.00 a.m. u il-10.30 a.m. waqt li kien qed isuq karozza numru O 2829 ta' ghamla Lada Samara, go Triq Manuel Dimech, Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tas-sewqan, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, laqat lil Alfred Cascun ta' 74 sena mis-Siggiewi u kkagunalu l-mewt.

2. Fl-istess lok, hin u jum saq l-imsemmija vettura b'sewqan perikoluz, u bi speed eccessiv.

Rat il-nota tal-Avukat Generali a fol 41 tal-process li permezz taghha billi deherlu li tista tinstab hitja (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli:

a) 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta

b) 225 tal-Kodici Kriminali.

c) 533 tal-Kodici Kriminali.

Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tieghu.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza tal-akkuzat in kontro ezami.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fl-10 ta' Frar, 1995 ghall-habta tal-11.00 a.m. il-pulizija stazzjonati fl-ghassa ta' Hal Qormi gew informati bl-incident tat-traffiku in ezami li gara fi triq Manwel Dimech, f'hal Qormi u li fih karozza tal-marka Lada Samara numru O 2829 misjuqa mill-akkuzat kienet laqtet lil Alfred Cascun anzjan ta' 73 sena, liema anzjan kien ittiehed fl-isptar san Luqa fejn madwar tlett ijiem wara kien miet.

L-ufficjal prosekutur (fol 10 tal-atti) kien innota fuq il-post tal-incident, li hemm kien hemm l-imsemmija vettura bil-windscreen imkisser. Ma' l-art kien hemm xi demm, nuccali aktarx tal-vittma kif ukoll papocc u basket mimli b'haxix.

Ikkunsidrat

Illi a fol 14 u 15 tal-process verbal anness mal-atti, a fol 13 jinsabu il-pjanti relattivi ghal dan il-kaz. Minn dawn wiehed jinnota li t-triq in kwistjoni hi pjuttost traffikuza u ghad-dritt, b'vizwali tajba u fil-vicinanzi mmedjati hemm sitwati skola, fabbrika u football pitch kif ukoll bus shelter fuq ix-xellug tal-karozza misjuqa mill-akkuzat.

Vicin in-naha tal-lemin tal-istess vettura kien hemm sieq sewda ta' nuccali, waqt li quddiemha instabet roqgha ta' demm frisk

vicin il-bankina, faccata u pjuttost vicin tal-istess bus shelter. Wara l-istess vettura li kienet qed tiffunzjona tajjeb, kien hemm marki ta' brakes kontinwu twal 30 metru.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-windscreen tal-istess vettura dan kien mifqugh fuq in-naha ta' isfel tal-lemin waqt li kien hemm wiper mghawwga u xi xahar fuqha. In otlre, il-mera tal-bieba tan-naha tal-lemin kienet imqaccta waqt li l-bonnet kellu tahbit u ghafsa fuq quddiem (ara fol 13 tal-istess process verbal, kif ukoll il-verbali a fol 9 ibid specjalment dawk enumerati 6, 7, 8 fuq wara)

Ikkunsidrat

Illi ma hemm ebda dubbju li Alfred Cascun miet bhala konsegwenza ta' dan l-incident. Difatti a fol 33 tal-process verbal jinghad li l-istess anzjan kien miet bhala konsegwenza ta' griehi multipli mgarrba f'incident tat-traffiku.

Ikkunsidrat

Illi, dwar id-dinamika tal-incident ma kien hemm ebda xhud okulari li seta ra dan l-incident. In oltre, Alfred Cascun jidher li ma kienx f'pozizzjoni li jixhed jew jitkellem mal-espert nominat fl-inkjesta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-akkuzat a fol 23 tal-atti tal-process verbal hemm verbalizzat li dan informa lill-ufficjal prosekutur li l-midrub kien qed jaqsam minn-naha tal-iskola primarja (ara fol 14 hawn fuq gia citat) u li rah fin-nofs tat-triq meta kien xi 10 metri il-boghod minnu. F'dawn il-proceduri, pero, l-akkuzat xehed minn jeddu (fol 52 et seq tal-atti) u beda jghid li kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq fuq il-lane ta' gewwa, sejjer fid-direzzjoni ta' Tal-Handaq.

Dak il-hin, mid-direzzjoni opposta kienu gejjin karozzi u li fuq in-naha tat-triq tieghu, fuq barra, ossia fuq il-lemin tieghu, kien

hemm karozzi ohrajn li ssorpassawh. In oltre, ra persuna qed taqsam it-triq minn naha tal-lemin tieghu. Di fatti, meta kien raha, din kienet diga qasmet in-naha l-ohra tat-triq, kollha kemm hi u kienet fin-nofs tat-triq.

Sussegwentement, hu ra lill-istess persuna, minn wara karozza, fuq il-lemin tieghu u taqsam bil-girja fuq in-naha tat-triq tieghu.

Hawnhekk hu irrimarka li kien ghaddej b'velocita ta' mhux aktar minn 35 jew 40 minghajr pero, ma seta jghid jekk hux kilometri jew mili fis-siegha. Meta ra hekk hu zamm il-brake ghal darbtejn oltre li gibed lejn il-hajt (ix-xellug tieghu) sabiex ma jolqotx dik il-persuna qed taqsam.

Izda xorta wahda laqatha u l-istess persuna "giet fuq il-bonnet, kisser il-windscreen......."

In kontro esami hu rrimarka li hu kien ra ghall-ewwel darba lil Alfred Cascun f'nofs it-triq, u kien hemm, "bejn wiehed u iehor tul ta' erba' karozzi 'ossija' naqra aktar mit-tul ta' din l-awla ta' fejn qed nixhed".

In ri ezami, hu kompla jghid li meta kien ra lil Alfred Cascun ghall-ewwel darba, dan kien wieqaf izda meta qasam "ghal go fija" id-distanza bejnithom kienet ftit, "qiesu tul ta' karozza u nofs".

Ikkunsidrat

Illi sintettizzati il-provi in ezami, fil-fehema tal-Qorti ghandha issir enfasi fuq zewg fatturi:

1. Il-karozza misjuqa mill-akkuzat halliet warajha brake marks kontinwi ta' tletin metru, ossija velocita ta' madwar sebghin kilometru fis-siegha. L-espert in materja (a fol 23 tal-process verbal), issottometta korrettament, li din hi wahda eccessiva u perikoluza tenut kont li "hemm housing estate, skola u gnien". Din il-lokalita deskritta ukoll bhala traffikuza tehtieg li wiehed isuq b'velocita aktar prudenti u b'velocita anqas. U li kien hekk, l-akkuzat certament kien jevita li jolqot lil Alfred Cascun. Ghalhekk, f'dan l-kaz certament jissussisti ness bejn il-mewt eventwali ta' Alfred Cascun u l-velocita eccessiva u perikoluza ghal dik il-lokalita li biha kien qed isuq l-akkuzat.

2. Pero, ma jistax jigi injorat fattur iehor ossija pedestrian anzajn qed jaqsam triq traffikuza ossija agir riskjuz u perikoluz da parti tieghu. Filwaqt li dan, certament ma jezentax lill-akkuzat mir-responsabbilita li ghandu ghal dan l-incident, kif gia premess, pero, dan il-fattur ikkontribwixxa ukoll ghall-istess incident u ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni meta tinghata il-piena adatta f'dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-akkuzat hati talli:**

1. Fl-10 ta' Frar, 1995, ghall-habta ta' bejn l-10.00 a.m. u il-10.30 a.m. waqt li kien qed isuq karozza numru O 2829 ta' ghamla Lada Samara, go Triq Manuel Dimech, Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tas-sewqan, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, laqat lil Alfred Cascun ta' 74 sena mis-Siggiewi u ikkagunalu l-mewt.

2. Fl-istess lok, hin u jum saq l-imsemmija vettura b'sewqan perikoluz, u bi speed eccessiv.

U dan skond l-artikoli 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena, wara li gew konsiderati l-fedina penali, nadifa ghal kollox, tal-akkuzat (fol 6 tal-atti) kif ukoll dak premess in konnessjoni ma' cirkostanzi attenwanti u rizultanti mill-agir riskjuz da parti tal-istess "decuius" kif hawn fuq spejgat, il-Qorti tara li piena pekunjarja adatta ghal dawn ic-cirkostanzi ghandha tigi mposta, kif ukoll perjodu ta' skwalifika li jidher li hu tassattiv f'dawn il-kazijiet.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' Lm500 multa kif ukoll tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan f'isem l-akkuzat ghal perjodu ta' tlett (3) xhur dekorribli mill-ghada ta' din is-sentenza.

In oltre wara li rat l-artikolu 533 citat, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes kollha in konnessoni ma' konferma jew nomina ta' esperti waqt dawn il-proceduri.

Alan Calleja
Deputat Registratur Veru kopja
Ghar-registratur